# L-ISPTAR - CASA SOLLIEVO DELLA SOFFERENZA.

L-ispirtu frangiskan jitlob li mhux biss jirrinunzjaw ghall-gid materjali, izda li juru kompassjoni mall-fqir u l-batut. Dixxiplu fidilissimu ta' San Frangisk , Padre Pio, hass il-htiega l-aktar ferventi li jghin kull darba li jara persuna fil-



bzonn.

San Giovanni Rotondo ma kellux sptar u Padre Pio waqqaf sptar zghir hafna, " L-Isptar Civili ta' San Frangisk" fil-kunvent qadim tal-Klarissi fis-sena 1925. Kellu biss 7 soddod u zewgt ikmamar riservati ghall-foqra li kienu jehtiegu xi

kura. Wara 13 il-sena kellu jaghlaq billi waqa' wara terremot u sar herba wahda. Aktar tard gie restawrat fi skola ghat-tfal iz-zghar,

Fil-lejla tad-9 ta' Jannar tas-sena 1940, huwa kien qed jitkellem ma' tlett ihbieb fuq is-sofferenza li tolqot l-umanita' (kien qed jirreferi ghat-tieni gwerra dinjija), il-hniena ta' Alla u l-imhabba ghall-umanita' kif ukoll ghat-twegiba tal-qlub tal-bnedmin ghal min ikun fil-bzonn.

F'mohhu Padre Pio kellu pjan li jibni sptar kbir gewwa San Giovanni Rotondo. Mill-lat uman il-pjan kien wiehed impossibbli kemm minhabba il-finanzi, kif ukoll minhabba l-problemi tecnici:

Dan il-bini monumentali kellu jimbena f'rahal zghir taht il-muntanja.

Il-belt l-aktar vicina minn fejn seta' jingieb il-materjal tal-kostruzzjoni kienet 25 mil 'l boghod.

Ma kienx hemm mezzi ta' trasport bit-trejn biex jingieb il-materjal.

Ma kienx hemm bizzjjed ilma jew eletriku fil-lokal u fuq kollox kien zmien il-gwerra.

Kull ma kellu kienet bicca tad-deheb li kienet offruta lilu xi jiem qabel bhala sinjal ta' radd il-hajr minn persuna li giet imfejqa mirakoluzament.

Imma bil-mod il-mod bdew dehlin aktar offerti u x-xoghol fuq l-isptar beda' imma ftit jiem wara x-xoghol waqaf minhabba l-gwerra.

Fis-sena 1946 rega' kompla x-xoghol. Fis-sena ta' wara, gurnalista' ingliza Barbara Ward kienet gewwa San Giovanni Rotondo biex tara lil dan il-patri kappuccin li l-fama tieghu ta' qaddis xterdet ma' kullimkien. Meta waslet Londra hija kitbet rapport fuq l-ECONOMIST, dwar ix-xoghlijiet fuq l-isptar. B'rizultat ta' hekk dahlet donazzjoni ta' 250 miljun lire (flus taljani ta' dawk iz-zminijiet)

Fis-16 ta' Mejju 1947 tqieghdet l-ewwel gebla ta' l-isptar Casa Sollievo della Sofferenza. Sas-sena 1950 l-isptar kien ghoddu lest imma minhabba diversi ragunijiet il-binja giet inawgurata fil-5 ta' Mejju 1956. Illum l-isptar huwa wiehed mill-akbar gewwa l-Italja u l-Ewropa. Hija binja ta' hames sulari gholja b'faccata li ghanda 'l fuq min 123 tieqa. Tesa' elf sodda u ghandha dipartiment specjali tar-radjologija u fisjoterapija. L-isptar ghandu 4 teatri ta' l-operazzjonijiet u huma fost l-ahjar tad-dinja. Fih jahdmu l-ahjar tobba kwalifikati u madwar 2,500 persuna ohra li jipprovu madwar tlett mitt elf trattament fis-sena.

L-istatut ta' din id-dar jistipula li l-isptar ghandu jircievi kull min jitlob l-assistenza u dan f'isem il-Mulej taghna Gesu' Kristu. Dawk li jistghu jhallsu ghat-trattament li jircievu ghandhom jaghmlu hekk, dawk li ma jistghux jinghatalhom kollox gratis u l-istess kura u ikel bhal dawk li jhallsu.

# L-AHHAR JIEM TA' PADRE PIO.

Sa minn zoghzitu sahhtu kienet problema ghalih u meta xjieh marret lura. F'April 1959 meta kellu 72 huwa nxtehet marid u tista' tghid ma setghax jiccaqlaq mis-sodda. Bhala konsegwenza huwa waqaf iqarar, jaqra l-korrispondenza, jaghti l-Benedizzjoni bis-Sagrament lill-fidili u jiccelebra l-quddiesa. Fil-5 ta' Mejju ta' l-istess sena, huwa mar lura hafna u l-kondizzjoni tieghu aggravat.

Fil-5 a' Awissu l-istatwa pellegrina tal-Madonna ta' Fatima waslet gewwa San Giovanni Rotondo u hadet id-direzzjoni lejn il-kunvent tal-Madonna tal-Grazzji biex tircievi l-ewwel merhba minn Padre Pio. Haduh hdejn tieqa u minn hemm seta' jara l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Xejrilha b'maktur filwaqt li d-dmugh gelben ma' haddejh. Imma dan l-isforz kien kbir wisq ghalih u kellu jirritorna lejn is-sodda.

L-ghada 6 ta' Awissu, qabel ma l-istatwa taret lejn belt ohra, il-helicopter dar tlett darbiet fuq il-kunvent. Kif ra l-Vergni titbieghed minnu Padre Pio dizappuntat qal: " Allura ser thallini minghajr ma taghtini l-barka tieghek?" Dak il-hin stess hass sensazzjoni ta' shana ddur mieghu u hassu tajjeb. Huwa qal b'dan lill-Patri Giustino li kien hdejh. Dan ferah hafna u mar jghaddi l-ahbar lill-patrijiet shabu l-ohra.

Ftit jiem qabel ma miet Padre Pio, f'testment spiritwali offra dan il-parir: Hobbu lil Marija Sssma u habirku biex tkun mahbuba; itlobu bir-Ruzarju u ghiduh sewwa." Huwa

heggeg ghat-talb biex jikkonvertu l-midimbin specjalment bir-Ruzarju li huwa sejjahlu l-"arma tieghu", u hekk xandar il-messagg tas-Sinjura ta' Fatima.

Padre Pio jirrakonta li meta huwa rcieva l-istigmata vizibbli ( Settembru 20, 1918) huwa ra lill- Mulej Gesu' f'posizzjoni ta' wiehed fuq salib, jilmenta fuq in-nuqqas ta' korrispondenza mill- bnedmin, l-aktar dawk ikkonsagrati lilu. Is-Salvatur Divin stiednu li jaqsam mieghu l-ugighat u jinteressa ruhu fis-sahha spiritwali ta' hutu. "Hassejt moghdrija lejn is-sofferenzi tal-Mulej u staqsejtu xi stajt naghmel. U smajt lehnu jghidli: " Jiena naghmel minnek haga wahda fit-Tbatija tieghi." Ftit wara l-vizjoni ghebet, gejt f'tieghi u rajt dawn is-sinjali li minnhom iqattar id-demm. Qabel ma kelli xejn."

Aktar qabel, fis- 7 ta' April tas-sena 1913, Gesu' deher lill-Padre Pio b'espressjoni ta' disgust u jhares lejn folla sacerdoti u qallu: "Jiena ser nibqa' agunija sa l-ahhar tad-dinja minhabba li dawn huma l-erwieh li l-aktar qaddist."

Biex jikkorrabora l-fatt fil-paragrafu ta' qabel, wara l-grajjiet tad-dehriet ta' Fatima, Gjacinta marret tghix f'orfanatrofju gewwa Lisbona. Hemm ma' Swor Marija tal-Purifikazzjoni stqarret: " Ghaziza parrina tieghi, itolbu hafna ghall-midimbin, itolbu hafna ghas-secerdoti. Is-sacerdoti ghandhom biss ikunu mohhom fil-hwejjeg tal-knisja. Is-sacerdoti ghandhom ikunu nies puri, anzi purissimi. Id-dizubbidjenza tas-sacerdoti u r-religjuzi lejn is-Superjuri taghhom u l-Papa serjament toffendi lill-Mulej."

Bejn Fatima u Padre Pio hemm hafna similarita':

Kemm is-Sinjura kif ukoll Padre Pio habbru l-korla ta' Alla u li kastig kbir kien sejjer jaqa' fuq id-dinja minhabba id-dnubiet li kien kommessi minn nies ta' dawk iz-zminijiet.

Gjacinta pprofetizzat: Ser tohrog moda li gravament toffendi lil Alla. Padre Pio kien b'sahha kbira jikkundanna, il-moda immorali.

Gjacinta qalet li hafna zwigijiet ma humiex zwigijiet tajba, ma jghogbux lil Alla u ma humiex gejjin minn Alla. Padre Pio publikament kien jitkellem kontra l-abort, id-divorzju, ir-relazzjonijiet qabel iz-zwieg u l-omosesswalita'.